



Brussell, 25 ta' Diċembru 2020
(OR. en)

14337/20

LIMITE

UK 137

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	25 ta' Diċembru 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2020) 857 final
Suġġett:	Rakkomandazzjoni għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tapprova l-konklużjoni, mill-Kummissjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn il-Gvern tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għall-Kooperazzjoni dwar l-Użi Sikuri u Paċifiċi tal-Enerġija Nukleari u l-konklużjoni, mill-Kummissjoni Ewropea, f'isem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 857 final.

Mehmuż: COM(2020) 857 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.12.2020
COM(2020) 857 final

SENSITIVE*

Rakkomandazzjoni għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tapprova l-konklużjoni, mill-Kummissjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn il-Gvern tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għall-Kooperazzjoni dwar l-Użi Sikuri u Paċifiċi tal-Enerġija Nukleari u l-konklużjoni, mill-Kummissjoni Ewropea, f'isem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra

* Distribution only on a 'Need to know' basis - Do not read or carry openly in public places. Must be stored securely and encrypted in storage and transmission. Destroy copies by shredding or secure deletion. Full handling instructions <https://europa.eu/db43PX>

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet għall-proposta u l-oġettivi tagħha

Fid-29 ta' Marzu 2017, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (ir-"Renju Unit") innotifika lill-Kunsill Ewropew f'konformità mal-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ("TUE") bl-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ("Euratom" jew "il-Komunità").

Wara l-awtorizzazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2017, il-Kummissjoni nnegożjat ftehim mar-Renju Unit li jstabbilixxi l-arranġamenti għall-ħruġ tiegħu mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika. Fit-30 ta' Jannar 2020, wara l-kunsens tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2020/135¹, dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ("il-Ftehim dwar il-ħruġ"). Il-Ftehim dwar il-ħruġ daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2020 u jipprevedi perjodu ta' tranżizzjoni li matulu, id-dritt tal-Unjoni japplika għar-Renju Unit u fir-Renju Unit f'konformità ma' dak il-ftehim. Dak il-perjodu jntemm fil-31 ta' Diċembru 2020.

Fil-linji gwida tiegħu tat-23 ta' Marzu 2018, il-Kunsill Ewropew iddikjara mill-ġdid id-determinazzjoni tal-Unjoni li fil-futur, ikollha sħubija mill-qrib kemm jista' jkun mar-Renju Unit. Skont dawn il-linji gwida, sħubija bħal din jenħtieġ tkopri l-kooperazzjoni kummerċjali u ekonomika kif ukoll oqsma oħra. Il-Kunsill Ewropew stabbilixxa dawn il-linji gwida bil-ħsieb li jkun hemm fehim ġenerali dwar il-qafas għal relazzjoni futura li kellha tiġi elaborata f'dikjarazzjoni politika miftiehma bejn l-Unjoni u r-Renju Unit, meħmuża mal-Ftehim dwar il-ħruġ u msemmija fih.

Id-Dikjarazzjoni Politika meħmuża mal-Ftehim dwar il-ħruġ tistabbilixxi l-qafas għar-relazzjoni futura bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit² ("Dikjarazzjoni Politika"). Din tistabbilixxi l-parametri ta' "sħubija ambizzjuża, estensiva, profonda u flessibbli għal kooperazzjoni kummerċjali u ekonomika li fil-qalba tagħha jkun hemm Ftehim ta' Kummerċ Ħieles komprensiv u bilanċjat, l-infurzar tal-liġi, il-ġustizzja kriminali, il-politika barranija, is-sigurtà u d-difiża u oqsma usa' ta' kooperazzjoni." Fir-rigward tal-qasam tal-enerġija nukleari ċivili, id-Dikjarazzjoni Politika tiddikjara: "[f]ilwaqt li tirrikonoxxi l-importanza tas-sikurezza u n-nonproliferazzjoni fil-qasam nukleari, jenħtieġ li r-relazzjoni futura tinkludi Ftehim ta' Kooperazzjoni Nukleari mifrux bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom) u r-Renju Unit dwar l-użi paċifiċi tal-enerġija nukleari, mirfud mill-impenji lejn l-istandards ta' livell għoli eżistenti tagħhom fir-rigward tas-sikurezza fil-qasam nukleari." Innotat ukoll: "[...] l-intenzjoni tar-Renju Unit li jassoċja ruħu mal-programmi ta' riċerka u taħriġ tal-Euratom."

L-Artikolu 184 tal-Ftehim dwar il-ħruġ jipprevedi li "l-Unjoni u r-Renju Unit għandhom jagħmlu kull sforz, f'*bona fide* u b'rispett sħiħ tal-ordinamenti ġuridiċi rispettivi tagħhom, biex jieħdu l-passi neċessarji biex jinnegożjaw bla telf ta' żmien il-ftehimiet li jirregolaw ir-relazzjoni futura tagħhom imsemmija fid-Dikjarazzjoni Politika tas-17 ta' Ottubru 2019 u

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/135 tat-30 ta' Jannar 2020 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU L 29, 31.1.2020, p. 1).

² Dikjarazzjoni Politika li tistabbilixxi l-qafas għar-relazzjoni futura bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit (ĠU C 34, 31.1.2020, p. 1).

biex iwettqu l-proċeduri rilevanti għar-ratifika jew il-konklużjoni ta' daww il-ftehimiet, bil-għan li jiżguraw li daww il-ftehimiet japplikaw, sa fejn possibbli, minn tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.”

Fil-25 ta' Frar 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2020/266³ li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq għal ftehim ta' sħubija ġdid u d-direttivi stabbiliti fl-*addendum* għal dik id-Deċiżjoni għan-negozjar ta' sħubija ġdida mar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (“direttivi ta' negozjar”). Il-Kummissjoni ġiet nominata bħala n-negozjatur tal-Unjoni.

Rigward l-enerġija nukleari ċivili, id-direttivi ta' negozjar, fost l-oħrajn, jiddikjaraw: “[l]-għan tan-negozjati huwa li tiġi stabbilita sħubija ġdida bejn l-Unjoni, u l-Euratom fejn rilevanti, u r-Renju Unit li tkun komprensiva u tkopri l-oqsma ta' interess deskritti fid-Dikjarazzjoni Politika [...]” u li “filwaqt li tirrikonoxxi l-importanza tas-sikurezza nukleari, il-protezzjoni mir-radjazzjoni u n-nonproliferazzjoni, is-sħubija prevista għandha tinkludi dispożizzjonijiet għal kooperazzjoni wiesgħa bejn l-Euratom u r-Renju Unit dwar l-użi paċifiċi tal-enerġija nukleari”.

Ftehim bħal dan ikun jippermetti lir-Renju Unit u lill-Euratom jistabbilixxu kooperazzjoni f'diversi oqsma fil-qasam nukleari, inkluż fil-qasam tar-riċerka nukleari. Id-Dikjarazzjoni Politika enfasizzat l-interess tar-Renju Unit li jsir assoċjat mal-programm ta' riċerka tal-Euratom u d-direttivi ta' negozjar iddikjaraw li s-sħubija prevista jenħtieġ tistabbilixxi l-prinċipji, it-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali għall-parteeipazzjoni tar-Renju Unit fil-programmi tal-Unjoni u tal-Euratom u l-kontribuzzjoni għalihom, soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-istrumenti korrispondenti. Meta jitqies li r-Renju Unit għandu għarfien espert fit-tul fir-riċerka nukleari, b'mod partikolari fil-qasam tal-enerġija mill-fużjoni, u li l-Euratom hi involuta, fil-livell internazzjonali, fl-iżvilupp ta' dan il-qasam, din l-assoċjazzjoni tkun ta' benefiċċju kemm għall-Euratom kif ukoll għar-Renju Unit. B'mod partikolari, din l-assoċjazzjoni tkun tippermetti lir-Renju Unit jipparteċipa bħala pajjiż terz assoċjat mal-Programm ta' Riċerka tal-Euratom u fl-attivitajiet Ewropej tal-fużjoni, inkluż l-attivitajiet tal-ITER, permezz tas-sħubija tiegħu, bħala pajjiż terz, mal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni (Fużjoni għall-Enerġija).

Il-Kummissjoni mexxiet in-negozjati fil-qafas stabbilit mid-direttivi ta' negozjar tal-25 ta' Frar 2020, f'konsultazzjoni mal-Coreper u l-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Renju Unit tal-Kunsill.

Wara negozjati, il-Partijiet qablu fil-livell ta' negozjaturi fuq Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar l-Użi Sikuri u Paċifiċi tal-Enerġija Nukleari (il-“Ftehim Euratom”), kif ukoll dwar Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra (il-“Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni”).

Id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni huwa materja ta' urġenza speċjali. Ir-Renju Unit, bħala eks Stat Membru, għandu rabtiet estensivi mal-Unjoni f'firxa wiesgħa ta' oqsma ekonomiċi u oqsma oħrajn. Jekk ma jkunx hemm qafas applikabbli li jirregola r-relazzjonijiet bejn l-Unjoni u r-Renju Unit wara l-31 ta' Diċembru 2020, daww ir-relazzjonijiet se jkunu mfixkla b'mod sinifikanti, għad-detriment taċ-ċittadini, tan-negozji u ta' partijiet ikkonċernati oħra. In-negozjati jistgħu jiġu finalizzati biss fi stadju tard ħafna qabel jiskadi l-perjodu ta' tranżizzjoni. Jenħtieġ li din il-ħidma fi stadju tard ħafna ma

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/266 li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati mar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq għal ftehim ta' sħubija ġdid (ĠU L 58, 27.2.2020, p. 53).

xxekkilx l-iskrutinju demokratiku li jrid jeżerċita l-Parlament Ewropew f'konformità mat-Trattati. Fid-dawl ta' daww iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali u għal konsistenza mal-proċedura separata dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni f'isem l-Unjoni, il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-Ftehim jiġi applikat b'mod proviżorju anki fejn jidħlu l-materji li huma fil-kompetenza tal-Euratom.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Kemm il-linji gwida tal-Kunsill Ewropew tat-23 ta' Marzu 2018 kif ukoll id-Dikjarazzjoni Politika appellaw għal sħubija mill-qrib bejn l-Unjoni u r-Renju Unit fil-futur.

Il-Ftehim Euratom jikkonferma l-impenn ċar taż-żewġ Partijiet favur in-nonproliferazzjoni u livell għoli ta' sikurezza nukleari biex ikun garantit l-użi sikuri u paċifiċi tal-enerġija nukleari. Dan jikkonforma mal-politika tal-Komunità dwar is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija. Bil-ħsieb li tissokta r-relazzjoni kumplessiva ta' kooperazzjoni bejn l-Euratom u r-Renju Unit, l-importanza li jiġi konkluż dan il-Ftehim Euratom separat hija bbażata prinċipalment fuq l-interess reċiproku li jiġi stabbilit qafas ġuridiku stabbli li jrawwem kooperazzjoni ugwali u reċiproka dwar l-użi sikuri u paċifiċi tal-enerġija nukleari u li jiffaċilita l-iskambju ta' materjal, tagħmir u teknoloġiji nukleari, meta jitqies li r-Renju Unit għandu rwol importanti fil-qasam nukleari ċivili u hemm interrelazzjoni importanti bejn il-Partijiet f'dan il-qasam.

Għall-Euratom, l-interess partikolari fil-konklużjoni ta' dan il-Ftehim jirriżulta mill-fatt li dan jiżgura kooperazzjoni kontinwa fis-sikurezza nukleari, salvagwardji nukleari, riċerka u żvilupp nukleari u jippermetti livell xieraq ta' salvagwardji, protezzjoni fiżika, u standards tal-kontroll tal-esportazzjoni. Il-Ftehim Euratom jiffaċilita aktar il-kummerċ nukleari bejn il-Partijiet u ma' pajjiżi terzi oħra li magħhom il-Komunità għandha ftehimiet ta' kooperazzjoni simili. Il-Ftehim Euratom jiżgura wkoll li l-prinċipji tas-suq komuni nukleari skont it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (it-"Trattat Euratom") jiġu applikati għall-oġġetti soġġetti għall-Ftehim u jeżiġi li t-trasferimenti ta' dawn l-oġġetti u l-forniment ta' servizzi rilevanti jsiru skont kundizzjonijiet kummerċjali ġusti.

Il-konklużjoni tal-Ftehim Euratom se toħloq qafas fit-tul u stabbli għaż-żewġ Partijiet u għall-gvernijiet u l-operaturi industrijali tagħhom, li fih tista' titwettaq din il-kooperazzjoni, u li jħeġġeġ u jiffaċilita wkoll il-kooperazzjoni fir-riċerka u l-iżvilupp fil-qasam tal-enerġija nukleari abbażi ta' benefiċċju reċiproku, ugwaljanza u reċiproċità.

Il-Ftehim Euratom huwa bbażat fuq preċedenti eżistenti f'dan il-qasam, jiġifieri attwalment hemm tmien Ftehimiet Euratom ta' Kooperazzjoni Nukleari eżistenti ma' pajjiżi terzi (mal-Istati Uniti, il-Kanada, l-Awstralja, il-Ġappun, il-Każakistan, l-Użbekistan, l-Ukrajna u l-Arġentina).

In-novità ta' dan il-Ftehim Euratom hija li fih dispożizzjonijiet usa' u aktar ambizzjużi dwar il-kooperazzjoni dwar is-sikurezza nukleari f'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika u dwar it-trasferimenti tat-teknoloġiji nukleari f'konformità mad-direttivi ta' negozjar.

Il-kooperazzjoni fir-riċerka nukleari u, b'mod partikolari, l-assoċjazzjoni tar-Renju Unit bħala pajjiż terz mal-programm ta' riċerka tal-Euratom u l-attivitajiet tal-Fużjoni għall-Enerġija jippermettu lir-Renju Unit ikompli jaqsam l-għarfien espert tiegħu fil-qasam tal-attivitajiet ta' fissjoni u fużjoni, inkluż attivitajiet relatati mal-ITER. Din l-assoċjazzjoni se tiġi implimentata permezz tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni u l-Protokolli tiegħu, u se tkun strumentali għall-iżvilupp tar-riċerka nukleari Ewropea li fiha r-Renju Unit kien attur ewlieni bħala Stat Membru tal-Euratom.

- **Konsistenza ma' politiki Komunitarji oħrajn tal-Unjoni u l-Euratom**

Il-Ftehim Euratom jikkumplimenta l-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni u jirrispetta bis-siġh it-Trattati u jippreserva l-integrità u l-awtonomija tal-Komunità Euratom u tal-ordinamenti ġuridiċi tal-Unjoni Ewropea. Dan jippromwovi l-valuri, l-oġġettivi, u l-interessi tal-Komunità Euratom u tal-Unjoni Ewropea, u jiżgura l-konsistenza, l-effettività u l-kontinwità tal-politiki u l-azzjonijiet tagħha.

2. BAŻI ĠURIDIKA

Il-bażi ġuridika speċifika għan-negozjar u l-konklużjoni tal-Ftehim Euratom, kif ukoll tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni għar-rigward ta' materji li huma fil-kompetenza tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, hija l-Artikolu 101 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.

3. ELEMENTI OĦRAJN

- **Spjegazzjoni dettaljata tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-ambitu tal-kooperazzjoni prevista fil-Ftehim Euratom huwa komprensiv u konformi mad-direttivi ta' negozjar tal-Kunsill tal-25 ta' Frar 2020. Dan jinkludi l-oqsma ta' interess deskritti fid-Dikjarazzjoni Politika.

Il-Ftehim Euratom jirrispetta l-awtonomija tal-Euratom u tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Unjoni u l-ordinament ġuridiku tagħhom, kif ukoll l-integrità tas-suq uniku tagħha inkluż is-suq komuni nukleari. Il-Ftehim Euratom jirrifletti l-istatus tar-Renju Unit bħala pajjiż terz li ma jistax ikollu l-istess drittijiet u li ma jistax igawdi l-istess benefiċċji bħall-membri tal-Unjoni Ewropea u tal-Komunità Euratom. Il-Ftehim Euratom huwa bbażat fuq qafas ta' governanza li huwa tipiku għall-Ftehimiet Euratom ta' Kooperazzjoni Nukleari eżistenti.

L-abbozz tal-proposta tal-Kummissjoni għall-Ftehim Euratom jikkonsisti f'25 Artikolu u Anness wieħed.

L-Artikolu 1 jiddefinixxi l-oġġettiv tal-Ftehim Euratom, jiġifieri li jipprovdi qafas għall-kooperazzjoni bejn il-Euratom u r-Renju Unit fl-użi paċifiċi tal-enerġija nukleari abbażi ta' benefiċċju reċiproku u reċiproċità, u mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi rispettivi ta' kull Parti.

L-Artikolu 2 jipprovdi definizzjonijiet. L-ambitu u l-forom ta' kooperazzjoni nukleari (l-Artikoli 3 u 4) prinċipalment jinkludu r-trasferimenti tal-materjal nukleari, tal-materjal mhux nukleari, tat-tagħmir u tat-teknoloġija; salvagwardji nukleari; protezzjoni fiżika; ir-riċerka u l-iżvilupp fil-qasam tal-enerġija nukleari, il-ġestjoni sikura tal-fjuwil użat u tal-iskart radjuattiv, inkluż ir-rimi ġeoloġiku; is-sikurezza nukleari u l-protezzjoni mir-radjuazzjoni, inkluż it-tejjija għal emerġenza u l-monitoraġġ tal-livelli ta' radjuattività fl-ambjent; l-użu ta' isotopi radjuattivi u radjuazzjoni fl-agrikoltura, fl-industrija, fil-mediċina, u fir-riċerka; aspetti regolatorji tal-użi paċifiċi tal-enerġija nukleari; l-iskambju ta' informazzjoni f'oqsma ta' interess reċiproku, bħal salvagwardji nukleari, is-sikurezza nukleari, il-livelli ta' radjuattività fl-ambjent u l-provvista ta' isotopi radjuattivi, eċċ.

Il-Ftehim Euratom ikompli jiddefinixxi l-oġġetti soġġetti għal dan il-Ftehim (l-Artikolu 5). Huwa enfazzzja li l-materjal nukleari għandu jkun soġġett għal dispożizzjonijiet speċifiċi ta' salvagwardji (għall-Komunità: is-salvagwardji tal-Euratom skont it-Trattat Euratom u s-salvagwardji tal-IAEA u l-Protokoll Addizzjonali tiegħu; għar-Renju Unit; is-sistema ta'

salvagwardji domestiċi u għas-salvagwardji tal-IAEA u l-Protokolli Addizzjonali tiegħu) (l-Artikolu 6). Il-Ftehim Euratom fih Artikolu wieħed dwar il-protezzjoni fiżika (l-Artikolu 7).

Fl-Artikolu 8 tiegħu, il-Ftehim Euratom jiżgura li r-Renju Unit ikompli jżomm livell xieraq ta' sikurezza nukleari u li l-Euratom u r-Renju Unit għandhom jaħdmu flimkien għal titjib kontinwu fl-istandards internazzjonali u l-Konvenzjonijiet dwar is-sikurezza nukleari, u għall-implimentazzjoni tagħhom; dan jipprovdi wkoll għat-tkomplija tal-kooperazzjoni permezz tal-parteċipazzjoni possibbli tar-Renju Unit bħala pajjiż terz f'diversi sistemi u gruppi tal-Komunità, bħas-sistemi stabbiliti tal-Komunità għall-monitoraġġ u l-iskambju tal-informazzjoni fuq il-livelli tar-radjuattività fl-ambjent (is-Sistema Komunitarja ta' Skambju ta' Informazzjoni Radjoloġika Urġenti (ECURIE) u l-Pjattaforma Ewropea għall-Iskambju ta' Data Radjoloġika (EURDEP) kif ukoll fil-Grupp ta' Regolaturi Ewropew dwar is-Sikurezza Nukleari (ENSREG).

Il-Ftehim Euratom fih ukoll dispożizzjonijiet dwar it-trasferimenti, it-trasferimenti mill-ġdid ta' oġġetti nukleari soġġetti għall-Ftehim u l-iffaċilitar tal-kummerċ (l-Artikolu 9). Dan jipprovdi wkoll għal qafas miftiehem li fih iż-żewġ Partijiet ikunu jistgħu jwettqu attivitajiet ta' arrikkiment u riproċessar (l-Artikolu 10 u 11).

Il-Ftehim Euratom fih ukoll dispożizzjonijiet dwar il-kooperazzjoni fir-riċerka u l-iżvilupp nukleari, li jistgħu jinkludu l-parteċipazzjoni tar-Renju Unit bħala pajjiż terz fil-programmi u l-attivitajiet ta' riċerka u taħriġ tal-Komunità; u s-sħubija tar-Renju Unit fl-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni (Fużjoni għall-Enerġija) f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti skont il-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni (l-Artikolu 12).

Isegwu dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-iskambju ta' informazzjoni u għarfien espert tekniku (l-Artikolu 13), il-Proprietà Intellettwali (l-Artikolu 14), l-arranġamenti amministrattivi (l-Artikolu 15) u l-implimentazzjoni (l-Artikolu 16). Biex tkun garantita l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni bla xkiel tal-Ftehim Euratom, iddaħħlu Artikoli speċifiċi dwar il-liġi applikabbli (l-Artikolu 17), il-ftehimiet eżistenti (l-Artikolu 18), il-Kumitat Konġunt (l-Artikolu 19), il-konsultazzjoni (l-Artikolu 20), ir-riżoluzzjoni tat-tilwim (l-Artikolu 21), il-waqfien tal-kooperazzjoni f'każ ta' ksur serju (l-Artikolu 22), l-emendi (l-Artikolu 23), id-dħul fis-seħħ u d-durata (l-Artikolu 24) u dwar it-testi awtentiċi (l-Artikolu 25).

L-Anness fih dispożizzjonijiet speċifiċi dwar ir-riproċessar.

Permezz ta' Protokoll mal-Ħames Parti tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni, ir-Renju Unit se jipparteċipa bħala pajjiż terz assoċjat fil-Programm ta' Riċerka tal-Euratom. Ir-Renju Unit se jsir ukoll membru, bħala pajjiż terz assoċjat, ta' Fużjoni għall-Enerġija. Din l-assoċjazzjoni se tkun f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Fużjoni għall-Enerġija, u l-Istatuti tagħha meħmuża magħha, kif emendati l-aħħar jew li jridu jiġu emendati fil-futur, li jikkontribwixxu għall-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika futura fil-qasam tal-fużjoni nukleari kkontrollata bl-assoċjazzjoni tar-Renju Unit mal-Programm Euratom.

Permezz tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni, l-entitajiet tar-Renju Unit jistgħu jipparteċipaw fl-azzjonijiet diretti taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka.

L-ispeċifitajiet tal-parteċipazzjoni tar-Renju Unit bħala pajjiż terz assoċjat mal-Programm ta' Riċerka tal-Euratom u l-attivitajiet ta' fużjoni mwettqa mill-Fużjoni għall-Enerġija, inkluż

l-attivitajiet tal-ITER, huma spjegati fid-dettall fil-Protokoll għall-Ħames Parti tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni.

4. KONKLUŻJONI

Il-Kummissjoni tqis li l-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni u l-Ftehim Euratom, li qed tiġi proposta l-adozzjoni tagħhom:

- huma konformi mad-direttivi ta' negozjar maħruġa mill-Kunsill tal-25 ta' Frar 2020;
- jixhdu l-impenn ċar taż-żewġ Partijiet favur in-nonproliferazzjoni u l-livell għoli kontinwu ta' sikurezza nukleari biex ikun garantit l-użi sikuri u paċifiċi tal-enerġija nukleari;
- huma konformi mal-politika tal-Komunità dwar is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija;
- se jkomplu jsaħħu r-relazzjonijiet tajbin ħafna bejn l-UE u r-Renju Unit fil-qasam ta' kooperazzjoni tal-politika tal-enerġija. u
- ikomplu jsaħħu l-kooperazzjoni bejn il-Partijiet dwar ir-riċerka nukleari, b'mod partikolari dwar l-iżvilupp tal-enerġija mill-fużjoni.

Għalhekk, il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-Kunsill japprova, f'konformità mat-tieni paragrafu tal-Artikolu 101 tat-Trattat Euratom, il-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni u l-Ftehim bejn il-Gvern tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għall-Kooperazzjoni dwar l-użi sikuri u paċifiċi tal-Enerġija Nukleari, meħmuż ma' din ir-Rakkomandazzjoni.

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tapprova l-konklużjoni, mill-Kummissjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn il-Gvern tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għall-Kooperazzjoni dwar l-Użi Sikuri u Paċifiċi tal-Enerġija Nukleari u l-konklużjoni, mill-Kummissjoni Ewropea, f'isem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (it-“Trattat Euratom”), u b’mod partikolari t-tieni paragrafu tal-Artikolu 101 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fil-25 ta' Frar 2020, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni Ewropea biex tiftaħ negozjati mar-Renju Unit għal ftehim ta' sħubija ġdid. Wara negozjati, il-Partijiet ftiehm fil-livell ta' negozjati fuq Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa, u r-Renju Unit, min-naħa l-oħra (il-“Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni”), u fuq Ftehim bejn il-Gvern tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għal Kooperazzjoni dwar l-Użi Sikuri u Paċifiċi tal-Enerġija Nukleari.
- (2) Il-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni jkopri materji li huma fil-kompetenzi tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (il-“Komunità”), jiġifieri l-assoċjazzjoni mal-programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom u mal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER irregolata mid-dispożizzjonijiet tal-Ħames Parti tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni [Parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni, ġestjoni finanzjarja tajba u dispożizzjonijiet finanzjarji]. Għalhekk, jenħtieġ li l-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni jiġi konkluż ukoll f'isem il-Komunità fejn jidħlu l-materji li huma skont it-Trattat Euratom. L-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni f'isem l-Unjoni Ewropea huma soġġetti għal proċedura separata.
- (3) Jitfakkar li jistgħu jiġu konklużi abbozzi ta' ftehimiet bilaterali bejn Stat Membru tal-Komunità u r-Renju Unit fl-ambitu tat-Trattat Euratom, inkluż ftehimiet għall-iskambju ta' informazzjoni xjentifika jew industrijali fil-qasam nukleari, diment li dawn ikunu konformi mal-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti proċedurali stabbiliti fl-Artikoli 29 u 103 ta' dak it-Trattat.
- (4) Il-konklużjoni, mill-Kummissjoni, tal-Ftehim fejn il-Gvern tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika għall-Kooperazzjoni dwar l-Użi Sikuri u Paċifiċi tal-Enerġija Nukleari, jenħtieġ tiġi approvata.

- (5) Il-konklużjoni, mill-Kummissjoni, li taġixxi f'isem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni jenħtieġ tiġi approvata.
- (6) Id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni huwa materja ta' urġenza speċjali. Ir-Renju Unit, bħala eks Stat Membru, għandu rabtiet estensivi mal-Unjoni f'firxa wiesgħa ta' oqsma ekonomiċi u oqsma oħrajn. Jekk ma jkunx hemm qafas applikabbli li jirregola r-relazzjonijiet bejn l-Unjoni u r-Renju Unit wara l-perjodu ta' tranżizzjoni li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020, dawk ir-relazzjonijiet se jkunu mfixkla b'mod sinifikanti, għad-detriment taċ-ċittadini, tan-negozji u ta' partijiet ikkonċernati oħra. Minħabba ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali tar-Renju Unit fir-rigward tal-Unjoni, l-urġenza tas-sitwazzjoni bil-perjodu tat-tranżizzjoni li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020, kif ukoll il-ħtieġa li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jingħataw biżżejjed żmien biex iwettqu l-iskrutinju xieraq tat-test tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni, dak il-ftehim jenħtieġ jiġi applikat b'mod proviżorju anki fejn jidħlu l-materji li huma fil-kompetenza tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika. L-applikazzjoni proviżorja jenħtieġ tkun limitata fiż-żmien kif stabbilit fl-Artikolu FINPROV.11(2) [Dħul fis-seħħ u applikazzjoni proviżorja] tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-konklużjoni, mill-Kummissjoni, f'isem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, tal-Ftehim bejn il-Gvern tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika għall-Kooperazzjoni dwar l-Użi Sikuri u Paċifiċi tal-Enerġija Nukleari hija b'dan approvata.

Il-konklużjoni, mill-Kummissjoni, f'isem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, inkluż id-dispożizzjonijiet tiegħu dwar l-applikazzjoni proviżorja, hija b'dan approvata, fir-rigward tal-materji li huma skont it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.

It-testi tal-Ftehimiet huma mehmuzi ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, 25.12.2020

*Għall-Kunsill
Il-President*